

- Evalwazzjoni legali żbaljata tal-miżuri favur l-ajruport inkwistjoni, sa fejn ċerti miżuri ma kellhomx jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, filwaqt li ċerti miżuri oħrajn kellhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern;
- Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-għajnuna kollha kkunsidrata fid-deċiżjoni kkontestata favur l-ajruport inkwistjoni ngħatat finalment lil Ryanair bħala l-ikbar utent ta' tali ajruport.

---

**Rikors ippreżzentat fit-30 ta' Diċembru 2015 – BelTechExport vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-765/15)**

(2016/C 068/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: BelTechExport ZAO (Minsk, il-Belorussja) (rappreżentanti: J. Jerneva u E. Koškins, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1948, tad-29 ta' Ottubru 2015, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belorussja (ĠU L 284, p. 62) sa fejn dan ir-regolament jestendi l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi għar-rikorrenti, anki jekk din l-applikazzjoni hija sospiża temporanjamment;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1957, tad-29 ta' Ottubru 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 284, p. 149) sa fejn din id-deċiżjoni testendi l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi għar-rikorrenti, anki jekk din l-applikazzjoni hija sospiża temporanjamment; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-atti kkontestati ma jipprovdix motivazzjoni suffiċċenti sabiex jiġiustifikaw l-inklużjoni kontinwa tar-rikorrenti fuq l-annessi kkonċernati u l-fatt li l-Kunsill ma kkonformax ruħu mad-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, li jeżiġu jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħi.
  2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-atti kkontestati jiksru d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal smiġħ xieraq, stabiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, peress li ġew adottati mingħajr ma r-rikorrenti kellha l-possibbiltà teżerċita effettivament id-drittijiet ta' qiegħi ta' d-difiża, b'mod partikolari d-dritt għal smiġħ u d-dritt għal proċedura li tippermettilha titlob effettivament li titnejha minn fuq il-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal-miżuri restrittivi.
  3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-atti kkontestati huma vvizzjati minn żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, peress li huma bbażati fuq l-ipoteżi żbaljata li, bħala kumpannija importanti fis-settur tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni tal-armi fil-Belorussja, ir-rikorrenti tibbenfika minn vantaġġi taħbi ir-régim Loukachenko.
  4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-atti kkontestati jiksru d-dritt fundamentali għall-proprietà stabbiliti fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u fuq il-fatt li dan il-ksur ma huwiex ibbażat fuq provi konvinċenti, ma huwiex iġġustifikat u huwa sproporzjonat.
-